# Il-Mellieħa fl-Imgħoddi

Mario Fenech

Biex inqanqal aktar nostalġija dwar kif kien ir-Raħal tal-Mellieħa fl-imgħoddu ser nkompli fejn ħallejt fl-artiklu tiegħi tas-sena li għaddiet li deher fil-programm tal-festa tal-Każin tal-Banda Imperial. Għażilt xi ritratti mill-kollezzjoni tiegħi biex jidhru f'dan l-artiklu ta' din is-sena.

Fl-ewwel żewġ ritratti tidher il-famuża Tunnara li llum tista tgħid li ġiet imdawra bil-bini li tela' madwarha matul dawn l-aħħar snin bħalma kien jiġi mdawwar it-tonn bix-xibka biex jinqabad mis-sajjieda li kienu jinġabru mill-Mellieħa u l-madwar għal dan it-tip ta' qbid tal-ħut.

Fortunatament din il-binja llum ġiet mibdula f'Mużew ferm interessanti tal-folklor u tas-sengħa





tas-sajd, grazzi għal numru ta' voluntieri li ħadu ħsieb jagħmlu dan ix-xogħol li jzommu dan il-post kif xieraq u miftuħ għall-pubbliku.

Żewġ ritratti oħrajn jeħduna lejn l-inħawi fejn hemm it-Torri ta' Selmun. F'ritratt minnhom tidher it-triq bil-ħajt tas-sejjiegħ fuq naħa waħda, bit-Torri wieqaf qabel ma' nbena dak li hemm illum madwaru.





Fir-ritratt l-ieħor jidher dan l-istess Torri ta' Selmun aktar mill-qrib. Interessanti wieħed jinnota li dan ir-ritratt kien ġie miġbud waqt li l-bdiewa tal-inħawi kienu qiegħdin jidirsu l-qamħ li kien għadu kemm ġie miġbur mill-għelieqi tal-madwar. Dan ix-xogħol jidher qiegħed isir minn dawn iż-żewġ bdiewa permezz ta' żewġ bgħula kbar.

